Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Jannar, 2014

Numru 12/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Naserian Mohammad Reza**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Naserian Mohammad Reza ta’ 35 sena, ta’ nazzjonalita’ Iranjana, iben Hussein u Fatima, imwieled Tehran, Iran fil-23 ta’ Marzu 1978, jirrisjedi fil-fond No. 9, Ali Abadi, St. Bovzegavan, St. Namjo, Tehran, Iran u detentur tal-karta tal-identita’ b’numru mhux maghruf gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-2 ta’ Jannar 2014 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tieghu passaport, maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé Passaport Ingliz bin-numru 104961422, maħruġ f’isem Jason John Nevins, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta’ Malta)

Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta’ Malta).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ Jannar 2014 (esebit a fol. 14 u 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta’ Jannar 2014 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-3 ta’ Jannar 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula millI-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa. izda kkunsidrat ukoll il-gravita’ tar-reati addebitati lill-imputat u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva anki jekk fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 32(1) (c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali - Not To Put On Web >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------